## *Profil ta' Personaġġ magħruf:*

# It-Tabib Pawlu Boffa K.B., O.B.E.

## (1890 - 1962)

*minn* ***F. DEGUARA***

Pawlu Boffa twieled il-Birgu fit-30 ta' Ġunju 1890. Missieru kien mgħallem tal-ħaddieda fit-Tarzna. Pawlu mar l-iskola Primarja, attenda l-Liċeo u l-Università mnejn laħaq tabib fl-1913. Matul l-ewwel gwerra dinjija tal-1914-1918, huwa ħadem bħala tabib mar-*Royal Medical Corps* f'Malta, Salonika fil-Greċja u fuq il-vapuri sptarijiet Ingliżi. Wara l-gwerra, kien serva bħala tabib privat f'Raħal Ġdid.



Il-Prokuratur Legali Ġużè Borg Pantalleresco, li kien l-aħħar Segretarju tax-*Xirka tal-Imdawlin* ta' Manwel Dimech fl-1914, kien irrakkonta li missier Boffa, li kien dimekkjan, kien qalilhom li meta ibnu jsir tabib jagħmluh it-tabib tax-xirka. Imma meta fil-fatt laħaq tabib, Dr. Boffa la ried jaf b'Dimech u anqas bix-Xirka!

It-Tabib Pawlu Boffa resaq lejn il-Partit tal-Ħaddiema fl-1923 u ħareġ għall-elezzjoni tal-1924 u ġie elett taħt l-*Amery-Milner Constitution*. Tela' wkoll fl-1927 u fforma parti mill-koalizzjoni bejn il-Partit Laburista u l-Partit ta' Lord Strickland, magħrufa bħala *Compact*. Meta imbagħad fl-1928, il-Kurunell Dundon warrab minħabba saħħtu, Dr. Sacco ipproponieh bħala Mexxej Parlamentari u f'dak iż-żmien sar ukoll Mexxej tal-Partit. U mill-ewwel beda jaħdem ħalli jikkonvinċi l-ħaddiema kemm huwa bżonnjuż li jkun hemm rappreżentanza ugwali fil-gvern jekk iridu li jkollhom parti importanti fil-jeddijiet tagħhom.

Fil-Gvern tal-*Compact* it-tliet deputati Laburisti Dundon/Orlando, Boffa u Sacco kienu imbuttati ħafna mill-Kumitat Eżekuttiv u mill-Kumitat Ġenerali biex iħabirku ħalli ma jerġax jiġri bħalma ġara fi żmien il-koalizzjoni mal-U.P.M. meta mill-wegħdiet li saru, il-Partit ma kien ħa xejn. Kien hemm min jgħid li waqt laqgħa bejn delegati taż-żewġ partiti fuq il-liġi tal-kera, Ġanni Bencini, Segretarju tal-Partit, qala' daqqa ta' ħarta mingħand il-Ministru Stricklandjan. Fil-Parlament, u barra minnu, Dr. Boffa kien kelliemi tajjeb u ma tantx kien jaqta' qalbu.

Fil-laqgħa tal-gradwati fl-1932, Boffa ried jitkellem bil-Malti u ġie mwaqqaf mill-President, iżda Boffa kompla jħaqqaqha li għandu l-jedd jitkellem bil-Malti meta f'daqqa waħda deputat Nazzjonalista, gradwat ukoll, garalu siġġu. Boffa warrabblu biex jiskansah u dabbar id-daqqa ġo rasu x-xwejjaħ l-Avukat Ġużè Fenech, Stricklandjan, li min jaf kemm tkellem tajjeb bil-Malti!

Dr. Boffa spikka sewwa fi żmien il-kwistjoni politiko-reliġjuża, tant li kemm tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll l-Klerikali kienu jgħajruh mhux ftit li huwa soċjalist u kommunist u saħansitra qalu li kien qal li fetaħ ħafna nies (għax kien jagħmel ħafna operazzjonijiet) u qatt ma ltaqa' ma' ebda ruħ.

Darba, f'nofs Awwissu tal-1931, Dr. Boffa qal: "*Aħna tal-Partit tal-Ħaddiema m'aħniex Anti-Kattoliċi, imma aħna anti-klerikali daqs kemm il-kleru huwa anti-Laburista*". Iżda l-Editur tal-Leħen is-Sewwa, il-Mons. Dun Artur Bonnici, kien ikkwota biċċa biss u ħalla barra "*daqs kemm il-kleru huwa anti-Laburista*" li ġiet turi li Boffa qal li l-Partit Laburista huwa anti-klerikali.

Ta' min isemmi li ftit wara l-ħruġ tal-Pastorali tad-Dnub il-Mejjet, Dr. Boffa kiteb lill-Ministru tal-Kolonji, permezz tal-ħabib tiegħu Mr. Clines, fejn qallu: "Dil-ġrajja ta' Malta turi tentattiv min-naħa tal-Isqfijiet biex jaħkmu l-affarijiet ċivili. Din hija ġlieda għal-libertà tal-poplu. Ir-rebħa taż-żewġ partiti imxaqilbin lejn l-Ingliżi kienet żgura sa ma dehret il-pastorali li biha theġġu l-passjonijiet. Kont nippreferi nara l-kostituzzjoni miżmuma għal xi żmien u titwaqqaf dittatura imperjali milli nħalli miexi *self-government* li

ma jkunx ħlief farsa jekk ikun ikkontrollat miż-żewġ Isqfijiet.

Aħna ninsabu b'idejna marbuta u mċaħħda mill-użu tal-vot ħieles. Jidher ċar li l-Papa ġie bejn l-Imperu Ingliż u Mussolini - jgħidu li waħda mill-klawsoli sigrieti fit-Trattat tal-Lateran kienet għajnuna politika lil Mussolini f'Malta u Tuneż.

Aħna, hawn Malta, m'għandna x'naqsmu xejn ma' l-Italja. Hija l-istampa faxxista li għal snin sħaħ għamlet minn kollox biex tagħġen lil Malta fi gżira Taljana u tqarraq bl-opinjoni pubblika Taljana.

Hu meħtieġ li s-*self-government* ikun miżmum sakemm Mussolini ma jaħkimx iżjed lill-Knisja f'Malta. Ma jistax ikun li l-Isqfijiet jitħallew jiddettaw min jitla' fil-Gvern u kif aħna għandna nivvotaw, u jien żgur li inti tagħmel l-almu tiegħek biex tirranġa din il-qagħda".



Sir Gerald Strickland fiż-żmien meta rebaħ l-elezzjoni ta' l-1927.
(ritratt: Progress Press)

Wara l-apoloġija ta' Strickland, saret l-elezzjoni u Boffa waħdu rnexxielu jdabbar kwota u għal dawk 'il ftit xhur kien waħdu fil-Parlament kontra l-element qawwi faxxista. Kien waħdu u ħaqqaqha dwar il-każ tas-Sedizzjoni, li ma kienx għajr tentattiv tal-Partit Nazzjonalista biex jeqirdu l-Partit Laburista. Iżda Carmelo Mifsud Bonnici, il-*Gross,* sikktu meta qallu li dan qatt ma kien il-ħsieb wara r-*raids*, u ma kompliex iħambaq!

Wara li tneħħa l-Gvern tal-Partit Nazzjonalista u l-Kostituzzjoni twarrbet fl-1933, Pawlu Boffa kien sar wieħed minn tal-Kunsill li Sir Charles Bonham Carter, il-Gvernatur, waqqaf biex imexxi lil Malta kolonjalment.

Fl-1939 saret elezzjoni taħt il-*MacDonald Constitution* fejn riedu jiġu eletti għaxar Kunsillieri. Malta kienet maqsuma f'żewġ distretti u r-riżultat kien: 6 Strickland, 3 P.N. u Dr. Boffa *Labour*. Matul it-tieni gwerra dinjija, serva b'distinzjoni bħala Kummissarju Distrettwali u bħala tabib tal-A.R.P. (*Air Raid Precaution*) fil-Kottonera, Paola, Tarxien u Ħal Luqa. Fl-1941, ġie mogħti d-dekorazzjoni tal-*Order of the British Empire*.

Matul il-gwerra, l-ħajja politika tal-gżira tagħna kienet, nistgħu ngħidu, mejta iżda bit-tnissil tal-*General Workers Union* u t-tħeġġiġ ta' element żagħżugħ u progressiv, il-Partit Laburista reġa rxoxta. U Dr. Boffa, għad li tħajjar iwarrab, baqa' bħala Mexxej waqt li sab l-għajnuna ta' Laburisti maturi u l-element ġdid u żagħżugħ bħall-Perit Dom Mintoff, it-Tobba Colombo u Schembri Adami, Cole, Vassallo, Raimondo u oħrajn.

Beda t-twaqqif ta' Assemblea Nazzjonali biex tinkiseb



Dom Mintoff, fil-bidu tal-karriera politika tiegħu, jidher qed jindirizza l-Parlament Malti lejn l-aħħar ta' l-erbgħinijiet.
(ritratt: Union Press)

kostituzzjoni aħjar u l-*Labour Front* - il-G.W.U. u l-Partit - għad li kienu minoranza ħdejn il-kleru u l-korpi kostitwiti kollha, rebaħ il-prinċipju ta' '*Vot wieħed għal kulħadd, nisa u rġiel, it-tneħħija tas-Senat u affarijiet oħra.*' Saret elezzjoni taħt il-*MacDonald Constitution* u minn għaxar Kunsillieri ġew eletti, disa' Laburisti. Il-Partit Laburista kellu jistenna sal-1946 biex daħħal il-liġi tat-tagħlim ta' bil-fors, li kienet l-ewwel ħaġa fil-programm elettorali tal-1921. Din ġiet proposta mill-Perit Dom Mintoff. Il-Partit ħadem bis-sħiħ u delegazzjonijiet magħrufa bħal-B.M.C. (Boffa-Mintoff-Colombo) marru Londra biex jiksbu aktar jeddijiet għal Malta.



Dr. Pawlu Boffa

Mal-miġja tal-Kostituzzjoni MacMichael, il-Partit Laburista megħjun mis-saħħa kollha tal-*General Workers Union*, tella' 24 minn 40 deputat u Dr. Boffa laħaq il-quċċata tal-karriera politika tiegħu meta fl-1947 ġie maħtur bħala l-ewwel Prim Ministru Laburista, u hawn bdiet it-taqliba soċjali li Malta għaddiet minnha minn wara l-gwerra 'l hawn.

Fl-1949, il-Partit għadda minn kriżi meta Malta ma kienitx qed tieħu sehem mistħoqq mill-*Marshall Aid*. Il-Kabinett tal-Ministri Laburisti kiteb ittra iebsa lill-Ministru tal-Kolonji Ingliż (billi kien hemm żmien mogħti għal tweġiba din l-ittra ġiet imlaqqma '*Ultimatum*'). Dan id-dokument ġie mwassal lill-Ministru Mr. Greech Jones mid-Deputat Prim Ministru Dom Mintoff u mill-Kummissarju Malti f'Londra, Chev. Edward Ellul.

Malli l-Ministru Ingliż qara l-ittra, Greech Jones bagħat jordna lill-Prim Ministru Malti, Dr. Boffa, biex jirtirah u Boffa mill-ewwel obda bla ma għarraf xejn lil Mintoff x'se jagħmel u tela' Londra biex ikompli t-taħdidiet huwa personali, li iżda ma kinux suċċess.

Fil-Konferenza Ġenerali t'Ottubru tal-1949, Dr. Boffa ġie mneħħi minn Mexxej u baqa' Prim Ministru jmexxi bl-għajnuna tad-deputati tad-D.A.P. u tal-Għawdxin. Il-*Labour Party* għażel lill-Perit Dom Mintoff, li kien id-*Deputy Leader*, bħala Mexxej tal-Partit, għad li sitta biss minn erbgħa u għoxrin baqgħu leali lejn il-Partit.

Dr. Boffa, li beda jsejjaħ il-grupp tiegħu *The Workers Party*, ġie megħlub fl-elezzjoni tal-1950 u r-riżultat ta' l-elezzjoni f'dik is-sena kien: il-Partit Nazzjonalista mmexxi minn Dr. Enrico Mizzi 12, il-Partit Laburista 11, il-*Workers Party* ta' Dr. Boffa 11, il-Kostituzzjonali 4, D.A.P. 1 u Indipendenti 1 u twaqqaf Gvern ta' minoranza b'Dr. Enrico Mizzi Prim Ministru. Iżda xahrejn wara, Nerik Mizzi miet u bħala Prim Ministru minfloku laħaq Dr. Giorgio Borg Olivier. Imma anke dan ġie megħlub, din id-darba fl-1951.

Il-qagħda wara l-elezzjoni ġiet: Partit Nazzjonalista 39,946 voti u 15-il membru, *Labour Party* 40,315 voti u 14-il membru, *Workers Party* 21,053 voti u 7 membri u l-Kostituzzjonali 9,151 voti u 4 membri. Hawn Dr. Boffa ngħaqad f'koalizzjoni mal-Partit Nazzjonalista u sar Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa taħt Dr. Giorgio Borg Olivier.

Fl-elezzjoni tal-1953, is-saħħa tal-Partit ta' Boffa niżlet għal tliet siġġijiet biss imma l-koalizzjoni mal-Partit Nazzjonalista baqgħet isseħħ, waqt li s-saħħa tal-Labour Party ġiet fuq kulħadd, b'19-il membru, bil-Partit Nazzjonalista jtella' 18-il membru.

Qabel l-elezzjoni tal-1955, l-*Workers Party* iddgħajjef tant li ġie xolt u Dr. Boffa rtira mill-politika anke minħabba problemi ta' saħħa. Huwa kien reġa' wera interess fil-politika u kien innominat president onorarju tas-CWP. Fl-għoti tal-Unuri ta' l-Ewwel tas-Sena 1956, b'rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru Dom Mintoff, Dr. Boffa ġie mogħti t-titlu ta' *SIR* mir-Reġina Elizabetta II b'rikonoxxenza għas-suċċessi fis-servizz soċjali. Huwa ġie mogħti wkoll l-unuri ta': *1914-18 Star*, il-*General Service Medal*, il-*Victory Medal*, il-*Coronation Medal* u d-*Defence Medal*.

Dr. Pawlu Boffa kien strumentali biex l-ilsien Malti jiġi rikonoxxut fil-Qrati Maltin u fl-introduzzjoni tal-edukazzjoni primarja u l-pensjonijiet għall-anzjani. Huwa kien iżżewweġ lil Genoveffa Cecy fl-1921 u kellhom erba' wlied, żewġ subien: Salvino u Joseph, u żewġ bniet: Hilda u Melina.

Sir Paul Boffa miet fis-6 ta' Lulju 1962 fir-residenza tiegħu f'Raħal Ġdid u ndifen fiċ-ċimiterju ta' 'L-Erwieħ Kollha' f'Ħal Tarxien. Iżda meta snin wara, il-Partit Laburista organizza korteo minn Raħal Ġdid biex iqim lil-Laburisti mejta, l-ewwel qabar li żar kien dak ta' Sir Paul Boffa fiċ-ċimiterju ta' Ħal Tarxien qabel ma' mar f'dak ta' l-Addolorata. Aktar tard, b'inizjattiva ta' partitarji Laburisti fis-snin sebgħin, sarlu monument ħdejn il-knisja tal-Vittorja ħdejn Kastilja fil-Belt Valletta, iħares lejn Triq il-Merkanti.

**Referenzi:**

'Il-Fundaturi tal-Partit tal-Ħaddiema' ta' Ġeraldu Azzopardi, p. 91-94.

'Maltese Biographies of the Twentieth Century' ta' Michael J. Schiavone u Louis J. Scerri, p. 63-64.

Ħajr lis-Sur Freddie Micallef ta' l-għajnuna li għoġbu joffri.